L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2022 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 29th August 2022 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. The Decalogue was given to Moses in a visible manifestation of God in the Old Testament, but it is in the New Testament that its full meaning is revealed. Discuss.

2. In the book of the Prophet Ezekiel, God defines a prophet in the following way: "And I sought for a man among them who should build up the wall and stand in the breach before me for the land, that I should not destroy it" (Ezek 22,30). Discuss this statement by referring to **TWO** of the major Prophets.

3. The Synoptic Problem is defined as "the scholarly question of how the three Synoptic Gospels relate to each other" (A.E. McGrath). Discuss.

4. The resurrection is a sign of Christian hope, recounted in the four Gospels. Discuss.

### SECTION B: THE CREED

5. "Faith and reason are like two wings on which the human spirit rises to the contemplation of truth; and God has placed in the human heart a desire to know the truth" (Pope John Paul II). Discuss.

6. The Second Vatican Council presented the Church in terms of (i) communion, (ii) the people of God, and (iii) a charismatic community. Discuss.

7. In the Creed, one affirms "I believe in the Holy Spirit". Discuss the role of the Holy Spirit in the Church.

8. For Christians, in heaven all sins are eliminated, as heaven is the eschatological realisation of the omnipotence of God. Discuss.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 29 t' Awwissu 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. Id-Dekalogu ngħata lil Mosè waqt manifestazzjoni viżibbli ta' Alla fit-Testment il-Qadim, iżda t-tifsira sħiħa tiegħu tidher fit-Testment il-Ġdid. Iddiskuti.

2. Fil-ktieb tal-Profeta Eżekjel, Alla jiddefinixxi profeta b'dan il-mod: "Fittixt f'nofshom bniedem, kapaċi jsewwi l-ħajt u joqgħod fis-selħa quddiemi u jiddefendi l-pajjiż, ħalli jien ma nagħmlux ħerba" (Eżek 22,30). Iddiskuti din id-dikjarazzjoni billi tirreferi għal **ŻEWĠ** Profeti maġġuri.

3. Il-Problema Sinottika hija magħrufa bħala "il-mistoqsija akkademika ta' kif it-tliet Evanġelji Sinottiċi jirrelataw ma' xulxin" (A.E. McGrath). Iddiskuti.

4. Il-qawmien ta' Kristu huwa sinjal ta' tama Nisranija, misjub fl-erba' Evanġelji. Iddiskuti.

### TAQSIMA B: IL-KREDU

5. "Il-fidi u r-raġuni huma bħal żewġ ġwienaħ li fuqhom l-ispirtu tal-bniedem jitla' għall-kontemplazzjoni tal-verità; u Alla poġġa fil-qalb tal-bniedem l-għatx li jkun jaf il-verità" (Papa Ġwanni Pawlu II). Iddiskuti.

6. Il-Konċilju Vatikan it-Tieni ppreżenta l-Knisja f'termini ta' (i) komunjoni, (ii) poplu ta' Alla, u (iii) komunità kariżmatika. Iddiskuti.

7. Fil-Kredu, nistqarru "Nemmen fl-Ispirtu s-Santu." Iddiskuti l-irwol tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisja.

8. Għall-insara, id-dnubiet kollha fil-ġenna huma mħassra, peress li l-ġenna hi r-realizzazzjoni eskatoloġika tal-omnipotenza ta' Alla. Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2022 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 30th August 2022 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

## SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. Discuss how the liturgy is the work of **each** person of the Trinity.

2. Discuss the centrality of Sunday in the liturgy of the Church, also delineating its historical developments.

3. “The purpose of the sacraments is to sanctify persons, to build up the body of Christ, and, finally, to give worship to God; because they are signs they also instruct” (*Sacrosanctum Concilium*, 59). Discuss this phrase with particular reference to the sacramental life of the Church.

4. The Catechism of the Catholic Church (1212) states that: “The sacraments of Christian initiation—Baptism, Confirmation, and the Eucharist—lay the foundations of every Christian life.” Discuss how Baptism and Confirmation lead to the Eucharist.

## SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

5. "The Church's love for the poor . . . is a part of her constant tradition" (CCC, 2444). Discuss.

6. In what way does chastity ensure an authentic and healthy integration of the person? Elaborate.

7. Discuss in what way Christian marriage is a sign of the love between God and His Church?

8. “The Church which ‘goes forth’ is a community of missionary disciples who take the first step, who are involved and supportive, who bear fruit and rejoice.” (*Evangelii Gaudium*, 24). In light of this quotation, discuss the mission of the Church in today’s world.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 30 t' Awwissu 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. Iddiskuti kif il-liturġija hija l-ħidma ta' **kull** persuna tat-Trinità.

2. Iddiskuti ċ-ċentralità tal-Ħadd fil-liturġija tal-Knisja, u indika wkoll l-iżviluppi storiċi tagħha.

3. "L-iskop tas-sagramenti hu li jqaddsu lill-bnedmin, li jibnu l-ġisem ta' Kristu, u, fl-aħħar, li jagħtu qima lil Alla; għax huma sinjali, huma jgħallmu wkoll" (*Sacrosanctum Concilium*, 59). Iddiskuti din il-frażi b'referenza partikolari għall-ħajja sagramentali tal-Knisja.

4. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (1212) jgħid li: "Is-sagramenti tal-bidu tal-ħajja Nisranija: jiġifieri l-Magħmudija, il-Griżma tal-Isqof, u l-Ewkaristija—jqiegħdu l-pedamenti ta' kull ħajja Nisranija." Iddiskuti kif il-Magħmudija u l-Griżma jwasslu għall-Ewkaristija.

### TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. "L-imħabba tal-Knisja għall-foqra... hija parti mit-tradizzjoni tagħha ta' dejjem" (KKK, 2444). Iddiskuti.

6. B'liema mod il-kastità tiżgura integrazzjoni awtentika u b'saħħitha tal-bniedem? Elabora.

7. Iddiskuti b'liema mod iż-żwieġ Nisrani huwa sinjal tal-imħabba bejn Alla u l-Knisja Tiegħu.

8. "Il-Knisja li 'toħroġ' hi l-komunità ta' dixxipli missjunarji li jieħdu inizjattiva, li jinvolvu ruħhom, li jsieħbu lil oħrajn, li jagħmlu l-frott u jiffesteġġjaw" (*Evangelii Gaudium*, 24). Fid-dawl ta' din il-kwotazzjoni, iddiskuti l-missjoni tal-Knisja fid-dinja tal-lum.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.